L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 28 ta' Marzu, 2003

**il-Moda li taqleb**

Fattur li ddomina bil-kbir il-kampanja kemm ta' qabel ir-referendum dwar is-shubija shiha fl-Unjoni Ewerополea jew le kif ukoll qed ikompli jiddomina x-xena qabel l-elezzjonijiet generali li huma nies komuni li allegatament kienu Laburisti u li qeghdin jammettu quddiem il-partitarji Nazzjonalisti li jivvotaw ghall-ewwel darba ghan-Nazzjonalisti. Dawn qed isiru eroj, jittellghu fuq il-pulptu tal-bandiera blu li tgezwer lill-bandiera Maltija ta' Dott. Fenech Adami u jheggu lill-partitarji Nazzjonalisti ma jaqtghux qalbhom.

Però, ma ninsewx li l-eroj isiru eroj ghax huma unici. Kieku fil-pajjiz kellna hafna Dun Mikiel Xerrijiet, Dun Mikiel Xerri ma kienx ikun eroj! U l-eroj isir eroj biss minhabba l-unicità tieghu. Jigifieri dawk in-nies kollha li qed jittellghu fuq il-pulptu verament m'hemmx bhalhom! U dak nista' nikkonfermah jien.

Fil-fehma tieghi fattur impressjonanti f'din l-elezzjoni u li forsi ma nhassx daqshekk f'elezzjonijiet ohra huwa li hafna nies li kienu u ilhom hajjithom kollha Nazzjonalisti qeghdin jaqilbu ghal Laburisti. U meta nghidu Nazzjonalisti, m'ahniex qed insemmu *floaters*, izda Nazzjonalisti. Donnha saret moda tghid "Jien kont Nazzjonalist"! Izda, sa certu punt, tant hemm minn dawn in-nies li ltqajt maghhom fil-hajja ta' kuljum tieghi li zgur ma jistghux isiru eroj. Sfortunatament, ahna ma nistghux naghmlukom eroj!

Izda, xorta wahda napprezzawkom u nilqghukom fil-familja Laburista!

Jien nista' nitkellem hafna dwar it-12-il distrett. S'issa dort hafna familji u fil-hajja tieghi ta' kuljum nghix man-nies ta' l-Imgarr, tal-Mellieha u tan-Naxxar. Iltqajt ukoll ma' nies minn Burmarrad, mill-Wardija, San Pawl u mkejjen ohra izghar mill-irhula principali. Persuna wahda biss naf li "qalbet" minn Laburista ghal Nazzjonalista, imma billi fid-dinja kollox ghandu l-moda tieghu, donnu sar hemm xi unur tghid li "kont Nazzjonalist!".

Mhux qed nghid li dan isir ghalxejn. Assolutament mhux il-kaz! In-nies li ntlaqtu direttament mill-mizuri tal-Partit Nazzjonalista, mit-taxxi mposti minnu u li saru ma jistghux ilahhqu mal-hajja taht Gvern Nazzjonalista huma hafna.

U hafna min dawn il-hafna qeghdin jindunaw li l-unika soluzzjoni hija li jbiddlu l-gvern. Huwa verament kaz ta' "ma tistax tafdah"! Ftit huma dawk li ma jisimghux *Net News* u ma jaqrawx "in-Nazzjon" biss li se jergghu jiehdu r-riskji jivvotaw lill-Gvern ta' Fenech Adami, u jergghu jiehdu riskju ta' hames snin jittamaw li jwettaq dak li jkun wieghed!

Dawk li huma Nazzjonalisti konvinti tintebah hafna drabi li ma jafu xejn dwar il-programm Laburista u li jafu nofs l-istorja ta' dak li qieghed jigri f'pajjzina stess. Fi kliem iehor dawn in-nies lanqas biss jirrealizzaw kemm gholiet il-hajja; kemm naqsu s-servizzi socjali, u kemm naqas il-kummerc. Jitkellmu biss fuq Alfred Sant, qisu l-Partit Laburista ma jezistix! Proprju dixxipli li lesti jissagrifikaw irwiehhom ghall-idolu taghhom Dott. Fenech Adami!

Il-moda li taqleb fuq id-distrett taghna mhix kumbinazzjoni. U min minn Nazzjonalist jaqleb ghal Laburist huwa dak li ntlaqat direttament u li huwa rrabjat tant li kwazi kwazi jrid jitlob vendetta. Huwa ghalhekk li johorgu fil-berah. Il-qsim il-qalb taghhom m'huwiex bhal tal-Laburisti li ma vvotawx lill-Gvern prezenti u qeghdin jissaportu sakemm jigi l-mument halli jergghu jibdlu l-Gvern. Il-qsim ta' qalb taghhom huwa li gew ittraduti minn dak stess li tawh il-poter.

U fuq id-distrett tat-tramuntana, jigifieri primarjament il-11, it-12 u t-13-il distrett, distretti tradizzjonalment nazzjonalisti, l-ghadab min-naha tal-bdiewa, il-kaccaturi u l-haddiema ghal rashom huwa kbir. Dawk li tellghu lill-Gvern Nazzjonalista fil-poter biex wara jhossu li nesihom ihossu aktar mill-Laburisti. Ghax meta jittradik il-habib aghar milli meta jittradik min qghadtlu attent, ghax mhux habibek! Voti bhal dawn huma tabilhaqq voti ta' protesta. Juru li verament hawn min intlaqat hazin u, juru li l-poplu Malti qieghed jippreferi bil-kbir li jkollu l-gvern li jiehu hsieb lilu, u mhux l-interessi ta' l-Unjoni!

Jien jiddispjacini li dawn li qed insemmu m'humiex ftit. Jisghobbija li iktar kemm jixtiequ jipprotestaw kontra l-Gvern Nazzjonalista hafna drabi l-Partit Laburista ma jkunx zgur minnhom u, ftit li xejn, jigu kkuntattjati anke minna l-Laburisti. Dan ma jfissirx li qeghdin jigu abbandunati. Ahna m'ahna se ntellghuhom fuq l-ebda pulptu. Izda fuq il-pulptu se ntellghu f'isimhom Prim Ministru gdid – Prim Ministru li tabilhaqq jirrapprezentahom – lilhom u lilhom biss! Jirrapprezenta l-interessi taghhom u, mhux ta' xi blokk ekonomiku kbir enormi (hdejn dak Malti), fejn l-interessi ta' erba' ilhna jaghjtu f'rahal fit-tramuntana ta' Malta!

Il-bdiewa Maltin jafu li jekk Malta tidhol fl-Unjoni Ewropea jkollhom joqoghdu jaraw il-hjar kemm huwa dritt jew kif inhuwa mghawweg u, jekk mhux mghawweg ezatt, ikollhom jarmuh! U l-kaccaturi, dwarhom ahjar ma nghidu xejn! Ghax huma kaz verament bla tama! *Total loss*! Kaz car tal-kaccaturi ma jista' jkollok qatt! U huwa ghalhekk li f'dawn id-distretti, il-piz ta' gvern li jiggverna l-Gvern taghna, qieghed tabilhaqq jinhass!

Gietu hazina lill-Gvern li dawn id-distretti kienu tradizzjonalment nazzjonalisti. Imma bl-ossessjoni tieghu ta' l-Unjoni Ewropea nesa lilu nnifsu. Nesa li ghandu bzonn il-voti. Mhux talli hekk, izda nesa lil Malta kompletament! Lanqas biss ghamel programm elettorali ghal pajjizna! Lest biss li jobdi lill-Unjoni. Il-programm tieghu huwa biss il-programm ta' l-Unjoni. Mentri l-Partit Laburista hejja programm li huwa bla dubju ta' xejn ghira ta' stati ewropej fejn hemm novitajiet kbar specjalment fil-qasam ta' tfal illegittimi; drittijiet ta' tfal u annimali, u kazijiet ta' korruzzjoni. Mizuri li jekk iweghedhom Gvern li jwettaq dak li jaghmel, jaghmlu sens u, li jekk iweghedhom Partit Nazzjonalista, m'ghandna l-ebda garanzija li jitwettqu; lanqas jekk naghtuh il-parlament f'idejh ghal ghaxar snin ohra ma' dawn il-15-il sena li digà ghamel!

Li nista' nghid huwa li, lil dawk kollha li qed ibatu doppju ghax ghalkemm se jivvutaw Labour qeghdin ihossuhom abbandunati mill-Partit tal-*Labour* ghax kulhadd jahseb li ghadhom nazzjonalisti, nistidinhom halli jikkuntattjaw lil xi hadd mill-kandidati Laburisti. Mhux il-hsieb taghna li naqbzukom! Ma rridukomx tbatu doppju… lanqas lilkom! Bhalma hemm xi laburisti li batew taht it-tmexxija Nazzjonalista, iktar u iktar m'ghandux ikun li, persuni li batew taht Gvern Nazzjonalista li tellghuh bil-vot taghhom stess, u li, issa, ma jintwerewx appogg mill-kandidati laburisti ghas-semplici raguni li kulhadd jafhom bhala nazzjonalisti! Anzi, dawn ghandhom bzonn attenzjoni specjali, ghax ghandek tkun vittma darba biss u mhux darbtejn!

Dawk kollha fuq id-distrett tieghi li jixtiequ jkellmuni dwar dan jistghu jikkuntattjawni fuq in-numru tas-soltu 79443906, li jidher ukoll fuq il-*leaflets* tieghi – lili jew kandidati ohrajn tal-Partit Laburista. M'ghandux ikun hemm misthija – digà ltqajt ma' kazijiet bhal dawn, u naf li hemm numru iehor minnhom li forsi qeghdin jisthu johorgu fil-miftuh. Lil dawn nistghu nkellmuhom fil-privatezza ta' darhom.

**Laqgha tal-gimgha**

Ma nistax ninsa barra persuni bla mpjieg li niltaqa' maghhom. Jiddispjacini wisq ghalihom. Fiz-zjarat tieghi ta' din il-gimgha ltqajt ma' zewgt irgiel. Wiehed kien ilu 32 sena ma' fabbrika u tkecca flimkien ma' tlieta ohra minhabba *redundancy*. Ilu zmien jirregistra!

L-iehor kien jahdem fil-gebel u nqalghulu kumplikazzjonijiet f'dahru tant li se jkollu jaghmel operazzjoni. Wara din l-operazzjoni zgur li mhux se jkun jista' jkompli l-istess xoghol. Bl-

opportunitajiet kollha li qiegħed joffri l-Partit Nazzjonalista bi "Shubija fl-Unjon!", lil dawn nista' noffrilhom ifittxu xoghol barra minn Malta? Dak li qed noffrulhom? Inhossni kburija li l-Partit tiegħi joffrilhom li jzommilhom id-dritt li x-xogħol f'Malta jkollhom dritt għalih biss il-Maltin!

Naf li daqskemm nista' ngħinhom jien ma jistgħux jgħinuhom kandidati Nazzjonalisti li kull ma qed iwegħduhom huwa li jġibulhom ħaddiema barranin jeħdulhom xogħlhom! Qumu minn hemm ja Nazzjonalisti!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*